**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 23 ta' Marzu 2017**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 61/2010**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**John Borg**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-23 ta' Diċembru 2010 kontra John Borg li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess John Borg talli (1) b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar fuq persuna taħt l-eta` ta' tnax-il sena u li d-delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuna taħt l-eta` ta' tmintax-il

sena kif ukoll li d-delitt sar fuq il-persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew biż-żwieġ sat-tielet grad inkluživament; (2) ikkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taħt l-eta`, u ċioe` talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza, u li sar minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukaħ, jgħallmu, jindukrah jew iżommu; (3) ħati ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, u ċioe` talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha, b'dan illi id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' April 2013 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih, bi tmien (8) voti favur, u b'vot wieħed (1) kontra sabu lill-akkużat John Borg ħati tal-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuża u unanimament sabuh ħati tat-Tieni u t-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża, iddikjarat lill-istess John Borg ħati talli:

(1) fis-sena elfejn u seba' (2007) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Marsascala u f'diversi bnadi fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar fuq persuna taħt l-eta` ta' tnax-il sena u li d-delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuna taħt l-eta` ta' tmintax-il sena kif ukoll li d-delitt sar fuq il-persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew biż-żwieġ sat-tielet grad inkluživament, u dana skont l-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuża;

(2) fis-sena elfejn u seba' (2007) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Marsascala, ikkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taħt l-eta`, u ċioe` talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza, u li sar minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm

adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukaħ, jgħallmu, jindukrah jew iżommu, u dana skont it-Tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuża;

(3) fis-sena 2007 u fix-xhur ta' qabel ġewwa Marsascala u f'diversi bnadi fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha, b'dan illi id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, u dana skont it-Tielet Kap ta' l-Att tal-Akkuża.

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 86, 87(1)(g), 198, 201(a), 202(b)(h)(vii), 203(1)(a)(c) tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati John Borg għall-perjodu komplessiv ta' ħmistax (15) il-sena priġunerija; ordnat li jinħareġ Protection Order fl-isfond tal-artikolu 382A tal-Kap. 9 għal tliet snin wara li l-ħati jkun skonta t-terminu ta' priġunerija favur C; ordnat li l-isem tal-ħati jkun inkluż fil-lista ta' pedofoli ai termini tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta; u fl-aħħar ordnat il-konfiska tad-DVD player esebit f'dawn l-atti. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża, u qieset is-sottomissjonijiet rigward piena tal-abbli difensur Dr. Simon Micallef Stafrace, li jinsabu kollha reġistrati u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess, kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Elaine Mercieca Rizzo, li jinsabu kollha reġistrati u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Borg ppreżentat fis-17 ta' Mejju 2013 fejn talab li din il-Qorti tħassar id-dikjarazzjoni ta' ħtija u tordna li jiġu reġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni jew, alternattivament, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti fejn tikkonċerna l-piena; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "**Appell ta' indole legali**
>
> "15. Xhud importanti, krucjali u vitali kien il-Psikjatra Dr. Joseph Saliba. Waqt il-kors tax-xhieda tieghu l-istess xhud gab il-Qorti il-file mediku ta' C. L-appellanti, permezz tal-Avukat Difensur tieghu talab li dan il-file jithalla l-Qorti bhala evidenza u dana stante li kien fil-file issemma notament: *C frequently sleeps with her father*. L-appellanti hass li kien necessarju ghad-difiza tieghu li dan il-kumment jigi spjegat sewwa minn min kitbu. Il-verbal ezatt huwa s-segwenti:

"*'Peress illi x-xhud Dr Joseph Saliba semma' quddiem il-gurati illi skont il-file jidher illi C kienet soggetta ghal xi abbuz fis-sens wiesa' tal-kelma meta kien ghad ghandha tmien snin, id-Difiza titlob li l-file jitqieghed ghad-dispozizzjoni tal-gurati; li t-tabib li ghamel dawk in-notamenti jittella' jixhed biex jikkonferma dak li kiteb.*

"*'Il-Prosekuzzjoni topponi ghal dawn it-talbiet peress illi din mhijiex xi xhieda gdida u kienet disponibbli fi stadju tal-kumpilazzjoni u anke investigata mill-Ispettur Investigattiv.*

"*'Il-Qorti wara li semghet l-argumenti tad-Difiza u l-Prosekuzzjoni, tichad it-talbiet tad-Difiza izda tordna illi ghandha tixhed l-Ispettur Graziella Muscat fejn tinforma lill-gurati kinitx a konoxxenza ta' dan il-fatt u jekk iva investigatux u x'kien ir-rizultat tal-investigazzjoni. Dan qieghed jinghad ghal fini ta' kompletezza u carezza biex ma nhallux trufijiet imdendla f'mohh il-gurati. Anke jekk il-Qorti sejra taghmilha cara illi f'dan il-guri ghandha akkuzat biss u wiehed biss u hadd aktar.'*

"16. Aktar tard sar is-segwenti verbal:

"*'Dr Simon Micallef Stafrace wara li xehdet l-Ispettur Graziella Muscat jerga' ghal darba ohra jitlob li jigi esebit il-file li fuqu xehed Dr Joseph R Saliba ghaliex mix-xhieda li tat l-Ispettur Graziella Muscat irrizulta bl-aktar mod car illi hawnhekk si tratta ta' evidenza gdida li ma kienux available la ghall-Prosekuzzjoni u lanqas ghad-Difiza.*

"*'Il-Prosekuzzjoni taghmel referenza ghar-risposta precedenti taghha u ma ghandha xejn xi zzid. Il-Qorti izzomm ferm id-decizjoni precedenti taghha. Is-sitwazzjoni issa giet iccarata quddiem il-gurati, ma jidhrilhiex li harget xi informazzjoni gdida u ghalhekk ghal darb'ohra tichad it-talba.'*

"17. F'dan il-kuntest l-Appellanti jaghmel riferenza ghall-Artikolu 436 (1)(c) li jispjega hekk:

"*'436. (1) Il-Qorti Kriminali tkun ikkostitwita minn wiehed mill-imhallfin li joqghod flimkien ma' guri sabiex tiggudika kull reat li dwaru tista' titmexxa azzjoni kriminali skond il-ligi f'Malta salvi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370.*

"*'Omissis*

"*'(3) Imiss ukoll lill-qorti –*

*(a) li zzomm il-bon-ordni tas-seduta;*
*(b) li triegi s-smiegh tal-kawza;*
*(c) li taghmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullità, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verità.'*

“18. L-Appellanti ma jista’ jara ebda raguni legali ghaliex il-file li semma x-xhud Dr. Saliba ma thalliex li jigi esebit. Anzi, l-esponenti jara li l-Qorti kellha tinsisti li l-file jithalla l-Qorti! L-unika raguni setghet biss tkun li, bir-rispett, l-Ewwel Onor. Qorti ma riditx li l-guri jew jigi xolt jew jigi pospost ghal ftit zmien sakemm jigi rintraccjat min kiteb il-kliem li ssemmew li C kienet torqod ma’ missierha.

“19. Huwa minnu dak li qalet il-Qorti ossia li kien biss l-appellant li kien akkuzat izda kien certament importanti li l-Gurati jkollhom stampa cara ta’ dak li ghaddiet minnu C u jekk din qattx kellha xi problemi simili ma’ nies ohra. Naturalment kien ikun importanti wkoll li l-Gurati jkunu mgharfa sewwa dwar il-fatt li C kien ilha mindu kellha hames snin bi problemi psikici tant li fost affarijiet ohra kienet tirrikorri hafna ghall-gidba.

“20. Din id-decizjoni tal-Qorti kienet decizjoni manifestament one-sided u li ma setghet qatt issir.

“21. Irid jizdied jinghad li dan il-file huwa ta’ proprjeta` pubblika u ghalhekk gjaladarba ssemma u l-appellant talab li jigi esebit il-Qorti ma kellha ebda setgha li tiddeciedi li dan ma jigix esebit. Il-fatt li dan il-file ma ssemmiex qabel, anki fl-atti tal-kumpilazzjoni, juri l-mod legger tal-approach li sar fil-konfront tal-appellanti fis-sens li C giet emmnuta waqt li l-appellanti ma gie emmnut xejn.

“22. In-necessita` li jigi esebit dan il-file u li jigi konfermat il-kontenut tieghu johrog mill-fatt li dan il-guri kien jistrieh esklussivament fuq il-kredibilita`. Il-gurati emmnu lil C. Il-file u kontenut relattiv seta’ jattakka l-kredibilita` ta’ C, anzi, kien jattakkaha zgur.

“23. Huwa ghalhekk li dwar dan qed jintalab it-thassir tas-sentenza appellata.

“**Aggravju dwar il-fatti**

“24. Il-kwistjoni tal-fatti hija marbuta ma’ element ta’ kredibilita`. Ghalhekk huwa necessarju li jigu ezaminati dawn il-fatti.

“25. Dwar ix-xhieda tal-appellanti ma tantx hemm xi tghid fis-sens li mill-bidu nett ta’ dan il-process huwa dejjem stqarr li l-affarijiet li gie mixli bihom qatt ma graw. Spjega li wara li C saret taf li hu u martu kienu ser jergghu flimkien u b’hekk isalvaw iz-zwieg, hi, C, harget b’din l-istorja – u ma hi xejn hlief storja assolutament ivvintata. Jizdied jinghad:

i. Dwar il-kwistjoni ta’ Pembroke xehed li dana ma kienx minnu. Huwa veru li kienu jmorru Pembroke izda xejn aktar.
ii. Dwar il-kwistjoni tal-garaxx xehed ukoll li dana ma kienx minnu izda li darba kien mar sal-garaxx ma’ C u martu u ghalhekk kienet taf x’tip ta’ garaxx kien u x’kien fih.
iii. Dwar dak li allegatament gara fil-flat. L-ewwel punt huwa li l-allegazzjonijiet huma dwar granet fejn dak li suppost sehh sehh meta 1-mara tal-appellant kienet rieqda ftit metri l-boghod minn C u sahansitra fil-presenza ta’ hu C u tat-tifel tal-Appellanti reqdin hdejn il-mara tal-Appellant.

iv. L-unika haga li hemm forma ta' qbil ma' C huwa li meta kien qed jara blue film ghal xi sekondi rat xi haga minn dak li kien qed jara. L-ispjegazzjoni tieghu hija plawsibbli ghall-ahhar ossia li kien qed jara dan il-film dahlet fuqu ghall-gharrieda C u bi zball ghafas buttuna flok ohra.
v. Huwa minnu li kellu party fuq il-bejt tal-appartament tieghu izda assolutament mhux minnu dak li allegat C. Huwa veru li mar jinhasel fil-bidu tal-party izda C qatt ma nizlet hdejh. Ta' min izid li l-appellant seta facilment qal li qatt ma kien mar jinhasel izda huwa ma riedx jiskappa mill-verita` li kienet sempliciment li mar jinhasel ghal kwiet u xejn aktar!

"26. Dwar ix-xhieda ta' C hemm hafna xi tghid: Qaltilna hafna affanijiet li ma jaghmlux sens u jidhru bic-car li huma gidba. Il-fatt li hija baqghet dejjem tghid l-istess affanijiet ma jfissirx li hija konsistenti – hija konsistenti fil-gideb taghha (il-kwistjoni ta' gideb huwa important hafna fil-kuntest tax-xhieda tat-Tabib Saliba).

"27. Dwar l-allegazzjonijiet fir-rigward ta' abbuz sesswali hdejn il-ground tal-football Pembroke hemm bzonn li ssir niferenza diretta ghar-ritratti esibiti biex wiehed jara kemm kien impossibbli li jsehh ir-reat fejn allegatament sehh. Si tratta ta' post li huwa zewg metri lil hinn minn bankina u din il-bankina tmiss ma' major road li minnha dak il-hin (nhar ta' Hadd) kien jghaddu mijiet ta' karozzi. Apparti l-ammont kbir ta' nies li jkunu jimxu fuq il-bankina. Inkredibbli. Kif spjegat minn C il-fatti graw hekk:

i. sejrin jilaghbu l-football l-irgiel kollha u C sejra maghhom
ii. jigbidha lura l-appellant
iii. igieghlha taghmel att sesswali fuqu
iv. dana kollu ftit metri l-boghod minn fejn kienu qed jilghabu l-football il-membri tal-familja ta' C!
v. u ftit metri l-boghod minn major road li hija dik li mill-lights ta' Pembroke taghti ghall-Hotels kollha li hemm fil-lokalita`– in full view allura!

"28. Dwar dak li allegatament gara fil-gurnata tal-party tat-tifel tal-appellant l-affarijiet skond C graw hekk:

i. Nizlet
ii. Fethet il-bieb
iii. Johnny ghajjat min hemm
iv. Qaltlu.
v. Hareg gharwien
vi. Dahhalha fil-kamra
vii.Weriha blue flim
viii. Ghamlu li ghamlu
ix. Telghu fuq
x. Komplew qisu ma gara xejn.

"29. Titwemmen din. Mela ghaddej party fuq il-bejt fejn hemm il-familjari kollha. Party tat-tifel tal-appellant. L-appellant jallarga ruhu ghal xi 20 minuta nofs siegha. Imbaghad jitilghu flimkien. Din ma titwemminx. Tafu ghaliex. Ghaliex hawn qed nitkellmu fuq opportunita`. Jekk, skond C, l-Appellant kellu

access ghal garaxx fejn setghu jmorru bil-kwiet x'kienet ir-raguni li ghazel proprju l-gurnata tal-party tat-tifel!

"30. F'dan il-kuntest dak li stqarret C dwar l-uzu ta' dvd player huwa krucjali billi hawn si tratta ta' **gidba tant cara** li ma titwemminx.

"31. Fil-kors tax-xhieda taghha C qalet li il-fatt li kien wera blue film lilha deher bic-car minhabba l-last movie function fuq il-video. Jekk dan l-avveniment gara xhur u xhur qabel ma gie id-DVD mehud mill-pulizija allura kif harget biha din – harget biha ghaliex qed tivvinta gidba ohra biex twahhalha lill-Appellant. Din hija serjissima. Gidba cara li proprju ma titwemminx.

"31. Il-kwistjoni tal-garaxx. Dwar dan verament ma tantx hemm xi tghid fis-sens li jew ser temmen lilha jew ser temmen lill-appellant. L-appellant spjega ir-raguni kif u l-ghala C kienet taf dwar il-kontenut tal-garaxx — ossia li minn barra tista' tara kollox. C skond hi kienet taf x'kien hemm ghaliex graw certu fatti fil-garaxx. Dawn il-versjonijiet iridu jigu pero ezaminati fil-kuntest ta' gideb iehor li ghamlet C.

"32. F'dan il-kuntest irridu nsemmu l-famuza taghrixa li rat in-nanna u t-taghrixa — jidher li fuq dan kien hemm qbil in generali n-nanna dwar l-abbuz ma semmew xejn - it-taghrixa — rat lil C taghrax saqajn l-appellant. Qed nippruvah minn att daqstant innocenti jaghmlu abbuz sesswali.

"33. **Ix-xhieda tat-Tabib Saliba**

"34. Din ix-xhieda hija importanti u krucjali u bir-rispett l-esponenti ma jistax jifhem kif ix-xhieda tieghu giet skartata mill-gurati. Verbatim, it-Tabib Saliba qal hekk:

"'hemm il-periklu li tirrikorri ghall-gidba - anzi l-kondizzjoni taghha huwa proprju li aktarx tirrikorri ghall-gidba' dwar dawn l-avvenimenti qalilna li 'her story does'nt quite hang together'.

"35. Dawn huma kliem li jaqbzu mill-pagna ghaliex it-Tabib Psikjatra (mhux xi cuc kwalunkwe) wara li ezamina lil C qal dawn il-kliem. Din hija dikjarazzjoni importanti ghaliex Dr Saliba mhux biss huwa psikjatra izda kronologikament kien minn ta' l-ewwel li kellem lil C. It-Tabib huwa persuna esperta f'dan il-kamp li ma ghandu ebda interess f'din il-kwistjoni hlief fis-sens professjonali.

"35. Ghalhekk:

i. omm C li tant sabitha difficli temminha li ma ghamlet xejn dwar l-allegazzjonijiet ghal diversi gimghat — dana ghaliex bintha kellha storja ta' gideb. L-ahhar kelmiet li lissnet omm C kienu: **jekk huwa hu!** (b'riferenza ghall-appellant). Jigifieri sal-gurnata li xehdet fil-Guri l-omm baqghet tiddubita.

ii. ghandna z-ziju A li ma jemminix lanqas hlief wara xi gimghat.

iii. fuq kollox ghandna l-psikjatra.

> "36. Dak li kellu jirrizulta mill-fatti kif proposti (u kien jirrizulta ampjament mill-file li ma thalliex li jigi esibit) huwa li l-problemi tal-familja enormi li kellha C esternathom fuq l-Appellant. Hemm il-FATT, li C kienet gja maghrufa mal-Awtoritajiet minhabba l-problemi li kellha u minhabba l-problemi familjari li kellha. Fil-file relattiv hemm ir-riferenza ghal abbuz. Abbuz li kien ilu jsir mindu kellha bejn hamsa u sitt snin.
>
> "37. Finalment irid jizdied jinghad li l-ghada tas-sentenza tal-Ewwel Onor. Qorti bdiet investigazzjoni fuq C talli fuq il-facebook page taghha nizzlet il-kliem li hija gidbet quddiem il-gurati u li ommha wkoll kienet gidbet.
>
> "Ghalhekk fl-umli fehma tal-appellanti l-akkuzi fil-konfront tal-appellanti ma gewx pruvati kif trid il-ligi."

**6.** Dwar l-ewwel aggravju jidher li l-appellant talab li jiġi esebit l-file mediku ta' C minħabba n-notament li kien hemm u li rrefera għalih Dr Joseph Saliba li *"C used to sleep with her father quite frequently"*. Apparti li dan ma kienx notament tax-xhud, dan in-notament kien tniżżel fis-27 ta' Jannar 2003 meta l-każ odjern jirrigwarda allegati avvenimenti li seħħew fis-sena 2007 u fix-xhur ta' qabel. Barra minn hekk jidher li l-kuntest ma kienx wieħed ta' abbuż li sar fuq il-minorenni minn missierha. Dr Saliba stess xehed: "Fix-xiehda oriġinali li tajt kont indikajt li rajniha minħabba imġieba, problemi emozzjonali li kienu fil-kuntest ta' allegazzjonijiet li rat ċertu attivitajiet sesswali bejn missierha u nies oħra." Fil-fatt, meta d-difiża għamlet it-talba sabiex jiġi esebit l-imsemmi file, il-Qorti ċaħdet it-talba iżda sejħet lill-Ispettur Graziella Muscat biex tixhed dwar saritx investigazzjoni dwar dil-kwistjoni. L-Ispettur Graziella Muscat xehdet li wara l-investigazzjonijiet li għamlet hija ħadet parir legali u dan kien fis-sens li ma kienx il-każ li jittieħdu passi kontra missier il-minorenni. Qalet ukoll li ma kinitx taf bil-kliem li kien hemm miktubin fil-file ta' C li *"C used to sleep quite regularly with her father"*. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ssibha diffiċli temmen illi min kiteb dak in-notament kellu f'moħħu sinjifikat li ma kienx dak litterali. Jekk kien hemm allegazzjoni li C ġiet abbużata minn missierha, m'għandhiex dubju li kien jinkiteb hekk. Imbagħad meta C xehdet waqt il-ġuri, id-difiża qajmet il-kwistjoni ta' problemi anteċedenti magħha u, mistoqsija x'kienu l-problemi meta kienet iżgħar li wassluha għand it-tobba, hija, b'ċerta riluttanza, qalet: "Rajt lil missieri ta' erba' snin, x' aktar? Drogi d-dar, x'aktar? Swat, għajjat, ġlied, x' aktar? Ħajti miżerja għandi allright? U b'din aktar komplietli jien." Wara din it-tweġiba, id-difiża ma komplietx b'din il-linja ta' mistoqsijiet.

**7.** L-artikolu 436(3)(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li jmiss lill-Qorti "li tagħmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-liġi taħt piena ta' nullità, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni tagħha, li hu meħtieġ għat-tikxif tal-verità." Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn

tmur oltre dak li għamlet, aktar u aktar meta jitqies li l-kwistjoni li C kienet rat lill-ġenituri tagħha u lil missierha u persuna oħra jkollhom relazzjonijiet sesswali ssemmiet fl-istadju ta' l-Istruttorja, u li mill-investigazzjoni li saret ma kienx irriżulta xi forma ta' abbuż mill-missier.

**8.** Imbagħad il-kredibilita` ta' xhud tiġi determinata permezz tal-kriterji msemmijin fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Inoltre Dr Saliba ta l-ħsibijiet tiegħu dwar persuna li, bħal C, tkun ta' *borderline intelligence*.

**9.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoijiet l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**10.** Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra t-tieni aggravju. Qabel xejn jingħad, pero`, illi fil-paragrafu 37 tar-rikors ta' appell l-appellant jgħid li l-għada tas-sentenza appellata bdiet investigazzjoni fuq C talli fuq il-*facebook page* tagħha niżżlet il-kliem li hija gidbet quddiem il-ġurati u li ommha wkoll kienet gidbet.

**11.** B'referenza għal dan l-Avukat Ġenerali osserva fit-tweġiba tiegħu għar-rikors ta' appell:

> "Illi b'referenza ghall-ahhar paragrafu (innumerat 37) tar-rikors tal-appell l-esponent jirrileva illi huwa minnu illi immedjatament wara dan il-guri l-pulizija (permezz ta' spettur investigattiv iehor, din id-darba l-Ispettur Kylie Borg) bdiet tinvestiga c-cirkostanzi li waslu ghal xi kummenti li allegatament saru fuq is-sit socjali facebook. Illi madanakollu minn dawn l-investigazzjonijiet irrizulta li ma kienx minnu li nkitbu kummenti dwar ix-xhieda ta' C u l-mama` taghha B fuq is-sit socjali facebook, izda kienet iz-zija tal-istess C, D li kienet ivvintat din l-istorja u dan sabiex John Borg ma jidholx il-habs. Illi dawn il-fatti wasslu sabiex l-istess D titressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzata talli "bil-qerq, holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu '1 quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk dik il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat' u dan bi ksur tal-Artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "Illi f'dan ir-rigward irid jigi rilevat illi fl-ewwel udjenza ta' dawk il-proceduri, id difiza kienet ddikjarat li l-istat psikiku tal-imputata huwa subnormali u li ilha taht kura psikjatrika minn meta kienet ghada tifla. Illi in vista ta' dan il-Qorti tal-Magistrati kienet innominat lit-tabib psikjatra Dr. Joseph Cassar sabiex jezamina lill-imputata mill-lat psiko-intellettwali cioe` rigward l-'intendere' u l-'volere' taghha fiz-zmien tal-allegat reat. Illi t-tabib psikjatra kien ikkonkluda li *"Rigward l-akkuza, jidher li minhabba kemm l-intelligenza emozzjonali baxxa u l-intelligenza intellettwali subnormali, is-Sinjura D l-imputata ma kellhiex konjizzjoni ta' fejn seta' jwassal l-agir taghha u rragunat ezatt kif tirraguna tifla zghira b'mod impulsive u bla hsieb ta' konsegwenza. Ghaldaqstant jidher li minhabba dan il-fatt is-Sinjura D ma kellhiex l-'intendere' u l-'volere'."* Illi in

> vista ta' dan il-Qorti tal-Magistrati permezz tas-sentenza datata 12 ta Marzu 2014 ddecidiet illi tillimita ruhha ghal dan il-kwezit u rriteniet illi fil-fehma tal-istess Qorti dan ifisser li l-imputata ma kellhiex u ma setghax ikollha l-*mens rea* u konsegwentement iddecidiet li tiddisponi mill-kawza billi tilliberaha."

**12.** Waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2016 quddiem din il-Qorti saru s-segwenti verbali mid-difiza u mill-prosekuzzjoni:

> "L-Avukati Dr Micallef Stafrace u Dr Mifsud Bonnici in vista tar-rikors li kien sar mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fis-6 ta' Mejju 2013 jitolbu illi titla' tixhed l-Ispettur Kylie Borg biex tixhed dwar l-eżitu ta' dawn l-investigazzjonijiet.
>
> "Il-prosekuzzjoni hija nfurmata bl-eżitu tal-investigazzjoni li saret mill-Ispettur Kylie Borg tant li aċċennat għar-riżultanzi relattivi fir-risposta tal-Avukat Ġenerali għar-rikors tal-Appell."

**13.** Kif ġie anke verbaliżżat, "il-Prosekuzzjoni permezz ta' Dr Elaine Mercieca iddeskriviet x'kienu r-riżultanzi ta' l-investigazjoni li saret." Fil-fatt, wara li ngħataw id-dettalji tal-investigazzjoni u r-riżultanzi, it-talba tad-difiża ġiet irtirata:

> "Fiċ-ċirkostanzi, id-difiża tirtira t-talba li għadha kemm għamlet illum."

**14.** Konsegwentement din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dak sottomess mill-appellant fil-paragrafu 37 tar-rikors ta' appell tiegħu.

**15.** Kwantu għall-mertu tat-tieni aggravju, evidentement dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati, setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[1] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda u tat-trattazzjonijiet, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu illi jivvalutaw il-provi kollha miġjuba.

(ii) Issa, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` huma stess jagħmlu mistoqsijiet lix-xhieda u jqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda – b'mod partikolari ta' C u ta' l-appellant stess – u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, il-ġurati waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija skont il-Kapi kollha ta' l-Att ta' Akkuża.

(iii) Bħalma korrettement indirizza lill-ġurati l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, il-kwistjoni kienet prinċipalment waħda ta' kredibilita`. Lil min kienu se jemmnu l-ġurati, lil C jew lill-appellant?

(iv) L-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali, **"ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."** U kif ġie ritenut fil-kawża **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003: **"... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9, u tasal għall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex se temmnu jew ma temmnux."**[2]. Dawn il-kriterji ukoll ġew spjegati ben tajjeb mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri fl-indirizz tiegħu lill-ġurati. Il-verdett dwar it-tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża kien ċar.

(v) Issa, fix-xiehda tagħha C tispjega grafikament dak li tgħid li għaddiet minnu b'opera ta' l-appellant. Tirreferi għal meta kienet torqod fir-residenza ta' l-appellant f'Marsaskala u bil-lejl kien imur ħdejha jqajjimha u jbagħbas fil-parti tagħha quddiem u j..........; li tkun fil-kamra tal-banju u jidħol bl-iskuża li

[2] ara ukoll "Ir-Repubblika ta' Malta versus Dennis Pandolfino et", 19 ta' Ottubru 2006

jrid it-*toilet paper* u jmissilha sidirha; li darba pprova jdaħħal il-parti tiegħu fil-parti tagħha u weġġgħet u waqaf (tgħid li daħħal tikka); li darba għamel il-vaselina mal-parti tiegħu u pprova jdaħħlu minn wara pero` ma rnexxilux; li darb'oħra fil-kamra tal-banju poġġiha bilqiegħda fuq il-banju u beda j..... l-parti tiegħu bejn sidirha sakemm eġakula (hija tgħid "ġab il-l..." u li kien hu li qallha li dik tissejjaħ "l..."). Tgħid ukoll li l-appellant kien jgħidilha kemm għandha sidirha isbaħ minn taz-zija.

(vi) C titkellem dwar okkażjoni oħra f'Marsaskala meta E, iben l-appellant, kellu l-*lucky birthday* u ġie organiżżat *party* fuq il-bejt ta' l-appartamenti fejn kien joqgħod l-appellant. Tgħid li zijitha, mart l-appellant, tatha ċ-ċavetta u talbitha tinżel iġġib flixkun Sprite. Hi niżlet, l-appellant li kien niżel jieħu doċċa, saqsa "min hemm?" u hi wieġbet li kienet hi. Tgħid: "Imbagħad ħareġ għarwien ħuta u ħadni fil-kamra tat-tfal u qabad id-DVD portable u kellu blue film fih, u ġo dan il-blue film kien hemm raġel mibni u żewġ nisa u qalli biex nagħmel bħalhom, u għamilli bħal speċi ta' French kiss u hekk u jiena speċi bdejt nagħti biex nitlaq u speċi riedni nagħmel bħalhom."

(vii) Tispjega li l-affarijiet bdew għand nannitha l-Mtarfa. Tgħid li l-appellant kien jgħidilha ħa jaqralha storja u kienet tmur ħdejh fil-kamra tat-tfal. Tgħid li kien jgħidilha "ejja għaraxli sieqi, u jiena ta' tifla li kont, kont nagħmilha, ma tkunx taf x'ser jiġri. Imbagħad kien jgħidli biex n........ subgħajh il-kbir ta' saqajh, u speċi minn hemm bdew. Imbagħad speċi n-nanna ndunat." Qalet li meta n-nanna ndunat qaltilha titlaq, qaltilha "x'inti tagħmel hemm tgħaraxlu saqajh? M'għandux il-mara tiegħu?"

(viii) Issemmi wkoll okkażjoni fejn wara l-quddiesa tal-Ħadd (fil-knisja ta' San Girgor iż-Zejtun) l-appellant ħadha f'garaxx ta' missieru ż-Zejtun stess fejn ġiegħlha tagħmel sess orali fuqu. Hija tiddeskrivi dan bħallikieku seħħ aktar minn darba: "U hu kien jaqbad iniżżel il-qalziet tiegħu, ta' taħt u ta' fuq, u kien iniżżilni biex n.........., u jiena kont nerġa' nqum u jerġa' jniżżilni, jien kont inneħħi rasi." Pero`, mistoqsi jekk din tal-garaxx iż-Zejtun ġratx aktar minn darba, hija tgħid li ġrat darba.

(ix) Tiddeskrivi inċident ieħor f'Pembroke fejn il-familja kienet tmur tagħmel *picnic* u jilagħbu l-*football*. Hawn ukoll, għalkemm l-ewwel tixhed bħallikieku f'Pembroke kien hemm aktar minn okkażjoni waħda: "... u kien hemm biċċa ħajt għoli u biex tinżel vera naqra perikoluż, u jien kont ninżel l-aħħar waħda, kien jgħinni missieri, u ... Johnny Borg kien jintefa fir-rokna u l-pa kien jinżel jilħaq u jien ninżel bil-mod peress li kien hemm rampa, u kien jiġbidni u kien jgħidli biex n......... u hekk. U jiena kont niddejjaq, kont ngħidlu ħallini, ħallini", mistoqsija jekk kienx hemm aktar minn episodju wieħed tgħid li din ġrat darba hemmhekk.

(x) L-appellant isostni li l-problemi enormi tal-familja li kellha C esternathom fuqu. Jirreferi għax-xiehda tal-psikjatra Dr Joseph Saliba u jislet partijiet minnha biex jipprova juri kemm C mhijiex kredibbli. L-ewwelnett is-siltiet li jagħżel l-appellant iridu jittieħdu fil-kuntest tagħhom. Irid jiġi kkunsidrat ukoll illi hemm partijiet fix-xiehda ta' Dr Saliba fejn ma kienx preċiż. Barra minn hekk, kif indika l-istess xhud, huwa ma kienx qiegħed jixhed bħala espert. Din il-Qorti sejra l-ewwel tirriproduċi s-segwenti bran:

> "Nibqa' dejjem nirrepeti li l-mod kif kont qed nikkomunika maghha u nassessjaha ma kienx ippawerjat bhal meta qed nara persuna bhala espert fejn tkun qieghed tfittex certi affarijiet partikolari, u dik tillimita hafna l-piz li tistghu taghtu lil dak li nghid, pero` jekk ha nipprova nigbed xi konkluzjonijiet wahda diga` ghidtha li tfisser illi dak li qed tghid minn naha wahda trid izzomm f'mohhok illi u anka jekk l-affarijiet ma humiex qeghdin jaghmlu sens ghal kollox ma tfissirx bilfors illi mhix qed tghid il-verita`. Pero` minn naha l-ohra wkoll irridu niftakru li lkoll kemm ahna ghandna l-kapacita` li ma nghidux il-verita` u wiehed jista' jispekola li persuna li mentalment hija limitata ha tkun aktar f'perikolu li tirrikorri ghal stqarrijiet li ma ghandhomx bazi fir-realta`, ghax forsi l-*coping mechanisms* taghha jkunu limitati allura aktar ikollha bzonn f'sitwazzjoni ta' stress tivvinta affarijiet li mhux vera. Imma hawnhekk qieghed nispekola."

(xi) F'parti oħra tax-xiehda tiegħu jgħid:

> "Illi apparti l-informazzjoni generali li nghatajt kemm minn naha taghha kif ukoll minn naha ta' min gie maghha hemm sezzjoni wkoll fejn inkun ghamilt notament ta' dak li qaltli hi stess, u hemmhekk in-notament tieghi, ma niftakarx bl-amment wara dan iz-zmien kollu, kien li kienet qed titkellem bil-miftuh mieghi, kienet qed tkellimni b'mod apert, illi kienet tidher li hija sinciera. Illi kienet tidher emozzjonata minn dak li qed tghidli, qisha ma kienetx tidher kalma imma kienet tidher li dak id-diskors li qed tghidli qieghed jemozzjonaha. Ghamilt notament pero` kif ghidtilkom ma ghandix dettal illi meta bdejt nipprova nidhol f' certu dettal l-istorja taghha ma kienetx konsistenti, kien hemm diskrepanzi li speci din l-istorja doesn't quite hang together, pero' ma ninsewx li kont qed nitkellem ma' tifla li dak iz-zmien kellha tnax-il sena u hija l-intelligenza taghha ma hijiex tifla ntelligenti hafna, fil-fatt she is not [*recte:* has got] the borderline level of intelligence, bejn dik li tghidilha ntelligenza normali u sub normal intelligence. Madanakollu f'dak l-istadju hi kienet tindika li sar xi forma ta' abbuz kemm minn naha ta' missierha kif ukoll minn naha ta' dan iz-ziju."

(xii) F'parti oħra tax-xiehda tiegħu jgħid illi kien raha privatament fis-27 ta' Lulju 2007 meta allegat miegħu li zijuha kien abbuża sesswalment minnha. Saret referenza mill-prosekuzzjoni għal dak li kien xehed fl-istruttorja fl-2010:

> "Hawnhekk gejt mistoqsi: Ha nibdew pass pass minn mindu nfetah il-file ta' din C sallum, min raha, x'ra, meta rajtha inti, dwar x'hiex? Hawnhekk inti

rrispondejt: L-ewwel ma rajniha minhabba fl-imgieba problema emozzjonali li kienu f'kuntest ta' allegazzjonijiet illi rat certu attivita` sesswali bejn missierha u nisa ohra fil-prezenza tal-mama` taghha, u rat ukoll il-mama` taghha tigi mahqura. Matul is-snin bqajna narawha minhabba dawk l-istess problemi. Umbaghad kien hemm episodju, dik id-darba meta giet tarani privat fejn ghamlu referenza ghal allegazzjoni ohra li qalet li kien hemm xi ziju li esponiha ghal xi atti. Hawnhekk il-Qorti kienet staqsietek: U dawn x' tip ta' atti kienu? Jigifieri atti ta' natura sesswali? U hawnhekk inti rrispondejt: hekk hu precizament, fl-2007 kienet qeghda tallega li kienet esponuta ghal abbuz sesswali kemm fis-sens ta' vaginal and anal intercourse kif ukoll giet esposta ghal blue films u missilha gisimha kemm il-parti ta' fuq sidirha kif ukoll il-parti ta' isfel. Hija allegat li dawn l-atti kienu qed isiru f'dan l-ahhar xahar pero` kien il-kaz ukoll li kien hemm inkonsistenzi fl-istampa li kienet qed taghti u forsi hawnhekk jixhed ukoll is-Sur Micallef.... Illi mill-IQ test li konna ghamilnielha fiz-zmien li konna nafuha jirrizulta li she is what is called borderline intelligence."

(xiii) Imbagħad spjega waqt il-ġuri:

"jigifieri jiena kont qed nesprimi hawnhekk illi l-intelligenza taghha kienet on the border pero` ma kinitx actually of subnormal intelligence, imma t-tifsira taghha avolja ma inhix hawnhekk bhala espert hija li minhabba l-limitazzjonijiet fl-intellett taghha jista' jkun illi taghmel zbalji kif tipprocessa l-informazzjoni, allura jista' jkun illi certi nkonsistenzi f'dak li qed tghid ma tkunx ghax necessarjament qed taghmel ghal t'apposta jew b'xi intenzjoni partikolari imma sempliciment ghax il-menti taghha ma jippermettulhiex illi tkun preciza daqs kemm tkun tixtieq.... mill-informazzjoni li ghandi hareg fil-fatt kif kont xehedt illi kellha problema fix-short term memory wkoll information, s'intendi x-short term memory tfisser illi allura l-mod kif tistiva certu dettal jista' jkun difettuz u anka li l-information base taghha tista' tkun zbaljata. Pero` jigifieri minn kif titkellem kienet kapaci titkellem b'mod li tiftiehem, jigifieri ma kienetx daqshekk gravi l-problema taghha li ma stajtx izzomm konversazzjoni normali maghha."

(xiv) Hawn din il-Qorti tirreferi għax-xiehda ta' B, omm C, li qalet li ħadet lil C għand Dr Saliba privatament minħabba l-allegazzjonijiet li kienet qed tagħmel bintha ta' abbuż da parti ta' l-appellant. Mill-assjem tax-xiehda ta' Dr Saliba abbinata max-xiehda ta' B, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li dik kienet ir-raġuni li għaliha B ħadet lil bintha għal konsulta ma' Dr Saliba. Ta' min jinnota illi, nonostante ċerti kummenti li għamel Dr Saliba dwar xi diskrepanzi fir-rakkont ta' C u dwar il-possibilita` li persuna bil-kondizzjoni ta' C tista' ma tgħidx il-verita` (hawn jgħid li kien qiegħed jispekola), xorta kkummenta li "kienet tidher li hija sinciera". Naturalment il-kumment tiegħu dwar diskrepanzi u li l-istorja *does not quite hang together* tfisser biss li min ikun qiegħed jiġġudika jrid jagħti attenzjoni kbira għax-xiehda ta' l-allegat vittma u xi provi oħra li jistgħu jikkorroboraw ix-xiehda tagħha.

(xv) F'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax ma tirreferix għall-mod kif ġiet inizjata l-investigazzjoni dwar l-allegazzjonijiet li kienet qed tagħmel C. Hija

tgħid li ma tkellmitx mill-ewwel u tkellmet għax "ma flaħthiex ġo fija". Għalkemm tgħid li kellha tlettax-il sena meta tkellmet, effettivament jirriżulta li kellha tnax meta tkellmet u l-ewwel persuna li tkellmet miegħu kien kuġinuha F. Dan F qal liz-zija G (magħrufa wkoll bħala A) li qalet lil B, omm C. Jidher illi C baqgħet dejjem konsistenti fil-verżjoni tagħha, skond l-appellant konsistenti fil-gideb. Huwa għalhekk importanti li jiġu kkunsidrati r-reazzjonijiet tal-*players* prinċipali. Hawn il-Qorti sejra tirreferi għax-xiehda ta' Anabelle Abela.

(xvi) G tgħid li hekk kif F qallha x'kienet qaltlu C, hija daret fuqha u saqsietha jekk hux veru dak li qalet lil Leon li kien għamlilha A u hedditha li jaqfluha l-istitut. Tgħid li C weġbitha: "Qed tara. Ħadd ma jemminni. Ħadd ma jemminni." Jidher għalhekk li C ħaditha bi kbira li z-zija dehret li esprimiet dubju fiha. Wara li G qalet lil omm C, din inizjat il-kuntatti mal-professjonisti. Ftit wara, tgħid G, inqala' l-inkwiet bejnha u l-appellant għax qalibha lil oħtha H (mart l-appellant) ma' mara xiħa. Dan kien wara li kienet sabitlu x-xogħol. G marret tiffaċċa lill-appellant u ġabet il-persuna li magħha kien qalibha lil martu. L-appellant akkuża lil G li vvintat dan kollu tat-tifla biex tpattihielu għax qalibha lil martu ma' oħra. H telqet lill-appellant għal xi tliet ġimgħat. Darba minnhom mar l-appellant d-dar tagħha ma' ommu u bdew jitkellmu fuq il-każ li qalibha lil martu. G tgħid : "... u jiena għidtlu 'Hemm xi ħaġa oħra Johnny". Qabżet ommu qaltlu: 'Xi stajt ghamilt Johnny? Abbużajt b'xi tifel?' Qbizt jiena u ghidtlu: 'Kważi.' Qabeż hu u qalli: 'Jiena... kburi li ħ.... mara xiha u ma missejtx tifla.' L-osservazzjoni li għamel l-appellant meta semma "tifla" tidher li kienet osservazzjoni difensiva. Jidher li f'din l-istess okkażjoni hija saqsiet lill-appellant jekk kienx wera xi blue films lil C, u hu wieġeb: "Imma kumbinazzjoni."

(xvii) G tirreferi wkoll għal okkażjoni f'Pembroke, fejn kienu jiltaqgħu l-familja nhar ta' Ħadd, u la l-appellant u lanqas C ma kienu ħdejhom. Marret tfittixhom u ma sabithomx, imbagħad "wara ħafna ġew it-tnejn f'daqqa".

(xviii)G ssemmi okkażjoni fejn hi u t-tfajla tagħha kienu mistednin għall-ikel għand l-appellant u ħin minnhom l-appellant qal: "Jiena lil C ngħallimha biex meta tiltaqa' ma' l-irġiel ma tkunx qisha belha." U t-tfajla qaltlu: "Ta' tnax-il sena x'tgħallimha? Għadha tifla." Hawn din il-Qorti tirreferi għal dak li xehdet C li l-appellant kien jgħidilha: "li jagħmel biex jgħallimni għall-futur".

(xix) L-appellant isostni illi l-familjari stess ta' C ma emmnuhiex. C stess tgħid li ma tkellmitx qabel għax l-appellant kien qallha li jekk tparla jgħid li hi riedet. B'theddida bħal dik huwa evidenti li l-biża' tagħha kien li ħadd ma kien se jemminha. Difatti hawn terġa' ssir referenza għal dak li wieġbet lil G: "Qed tara. Ħadd ma jemminni. Ħadd ma jemminni." (ara *supra* para. (xvi)). Inoltre

fuq mistoqsija ta' wieħed mill-ġurati qalet li waħda mir-raġunijiet li ma tkellmitx għax taf kif inhuma l-familja tagħha, li jekk tgħidilhom xi ħaġa mhux ser jemmnu. Minn qari akkurat tax-xiehda, pero`, jidher li l-pożizzjoni tagħhom kienet li ħadd ma seta' jemmen, ossia jobsor, li l-appellant kien jasal biex jagħmel l-affarijiet li semmiet C. Huwa interessanti wkoll illi fix-xiehda tagħha C tgħid illi meta kienet tintbagħat torqod għand l-appellant, wara li bdew l-inċidenti li hi tirreferi għalihom, kienet tibkilhom lill-ġenituri biex ma jibagħtuhiex, iżda xorta kienu jibagħtuha għax ma kellhom lil ħadd aktar ma' min setgħet tmur torqod. Dan ġie kkonfermat minn ommha B.

(xx) L-istess B tiddeskrivi wkoll il-kambjament li ġie fuq bintha. Tgħid: "Jien kelli tifla taqra l-kotba sa ħdax-il sena, tilgħab bil-pupi, lanqas kont naf li għandi tifla. Imbagħad meta ġara dan il-każ inqalbitli ta' taħt fuq it-tifla...." C fix-xiehda tagħha tgħid: "Ommi damet erba' xhur ma temminnix, u speċi jiena dejjem ngħidilha, ma, qed nara l-istampi quddiem għajnejja, ma nistax inżommha aktar, għidtilha qed inweġġa' jiena. U ħaduni għand psikjatra, għand psychologist, sa depression kelli jiena, Mount Carmel kont minħabba r-ribellazzjoni li kelli, għax ma' kulħadd kont niġġieled jiena. Qatt ma bsartha minnu jien dan." Huwa ferm verosimili u normali li minorenni li jkunu ssubixxew xi forma ta' abbuż jibdew isofru minn tibdiliet bħal dawn.

(xxi) Da parti tiegħu l-appellant jgħid mill-bidu nett fix-xiehda tiegħu li minn dak li qalet C "ma huwa veru xejn". Dwar il-garaxx jgħid li hu ġieli għadda hemm mat-tifla (C) u martu biex jitfa' xi affarijiet hemm qabel ma jmorru l-quddies. In kontro-eżami qal li darba, darbtejn ħadu lit-tifla magħhom il-quddies u l-mara kienet tkun miegħu, u meta marru l-garaxx niżel hu biss u fetaħ bieba waħda tal-garaxx biex daħħal xi affarijiet. Skont l-appellant, it-tifla taf x'hemm fil-garaxx għax mill-karozza setgħet tara li kien hemm karozza u għodda ġewwa. Setgħetx tara jew ratx dak li hija ddeskriviet b'bieba waħda miftuħa jista' jitqies bħala *a moot point*. Dwar Pembroke jgħid li qatt ma ġara xejn hemm u l-post indikat jinsab viċin fejn jgħaddu n-nies. Meta kien hemm il-party ta' ibnu huwa baqa' dejjem fuq il-bejt u kellu d-dvd player hemm biex jaraw video tar-wrestling. In kontro-eżami, pero`, jgħid li x'ħin kien hemm kollox lest u bdew ġejjin il-mistednin, niżel jinħasel, għalkemm jgħid li ma mar ħadd waqt li kien fl-appartament. Qal li l-kwistjoni tal-blue film hija okkażjoni oħra fejn kien qiegħed jara dan il-film meta kien waħdu d-dar, ħabbat il-bieb, flok għafas stop għafas still, mar jiftaħ u sab lil C li baqgħet dieħla għal fuq is-sufan u baqgħet tħares lejn it-television, reġa' għafas l-istill u l-video beda jaħdem u qala' l-plakka biex jieqaf kollox, u tefagħha 'l barra lit-tifla. Hawn tosserva l-Qorti li C tabbina l-inċident tal-blue film mal-ġurnata tal-party. Il-mistoqsija hi, kif kienet taf li l-appellant kien qiegħed jinħasel jekk mhux għax niżlet kif spjegat hi?

(xxii) Waqt l-eżami l-appellant donnu joffri r-raġuni għaliex C qalet dak li qalet fuqu:

> "Dif : Din domanda li saqsejtha ta' spiss, intom bhala dar kienu jigu ta' spiss il-familjari hux hekk?
> "Xhud: Iva
> "Dif : Umbaghad gara xi haga partikolari?
> "Xhud: Iva gara xi haga partikolari, li d-dar saret qisha lukanda, kulhadd diehel u hiereg x'hin irid hu, u min jiddeciedi li ha jorqod hawn, min jiddeciedi li ha jorqod hemm u jiena ma stajtx nissaporti aktar, wara gurnata xoghol fil-gebel, nasal id-dar biex nirrilassa, x'hin nidhol id-dar insib in-nies, jekk irrid nintefa' fuq is-sufan ma nistax ghax qeghdin bilqieghda huma u rrid nintefa' fuq siggu bilfors, jekk irrid nara t-television ma nistax ghax iridu jaraw xi haga huma – ghidt daqshekk. Tkellimt ma' l-mara, ghidtilha ahna ma nistghux nibqghu sejrin b'din il-hajja – nigi x'hin nigi dejjem bin-nies id-dar, u daqqa jridu jorqdu hawn, qaltli ghidilhom inti. U ghidtilhom jiena. Ghidtilhom tigu taghmlu siegha, saghtejn ma nghid xejn, tigu biex torqdu hawn jew iddumu aktar ma jistax ikun.
> "Dif : U ghaliex hu mportanti dan il-fatt? X'gara wara umbaghad?
> "Xhud: F' liema sens?
> "Dif : Inti taf ghaliex qieghed hawn
> "Xhud: Iva
> "Dif : Qabel ma ghamilt din il-bicca xoghol, li waqqafthom milli jigu din it-tifla qalet xi haga? Jew bhala perjodu meta bdiet tghid dawn l-affarijiet meta kien? Wara? Qabel?
> "Xhud: Dan li waqqafthom qabel ma qalghet dawn l-affarijiet it-tifla."

(xxiii) Meta jiġi kkunsidrat dak li ntqal f'paragrafu (xix) dwar li kienet titlob lil ommha biex ma tibgħathiex, il-ġurati ma qisux li huwa verosimili li minorenni se taqla' stejjer bħal dawn sempliċement għax l-appellant kien waqqafhom milli jorqdu għandu u milli l-familjari ta' martu jibqgħu deħlin u ħerġin.

(xxiv) Waqt il-kontro-eżami, għalkemm fil-bidu jidher li qiegħed jagħmel dikjarazzjonijiet kontradittorji dwar jekk hux qiegħda tigdeb C jew le, effettivament jidher li dak li ried jgħid hu li hi gidbet billi mplikat lilu u mhux li l-affarijiet li qalet li ġrawlha ma ġrawlhiex. Difatti jgħid li l-problemi ġejjin mill-familjari tagħha iżda ma kienx ser iparla fuqhom. Jgħid li għamlet kien li "dawret kollox fuqi". Imbagħad joffri spjegazzjoni oħra: "jista' jkun forsi li żammejt ċertu dixxiplina fuqhom". L-uniku eżempju li semma hu li meta kienet tkun għandhom u martu tagħmlilha l-ikel, jekk ma tkunx trid tieklu kien jgħidilha "ikel għamlitlek il-mara, flok ha toqgħod bil-guħ trid tieklu. Issa jekk ma tiklux dik biċċa tiegħek, dak naqqsitu l-mara minn go l-istonku tagħha." Aktar 'il quddiem fil-kontro-eżami jsemmi wkoll bħala dixxiplina li ma kienx

iħalliha tinżel tilgħab isfel sabiex ma toħroġx barra fit-triq. Evidentement il-ġurati lanqas ma qisu d-dixxiplina bħala spjegazzjoni verosimili.

(xxv) Issa, waqt l-eżami l-appellant ma semma xejn dwar okkażjonijiet fejn kien jitlob lil C "tgħaraxlu saqajh". Mistoqsi dwar dan, pero`, in kontro-eżami kkonferma li kien minnu li kien jitlobha tagħmel hekk. Jgħid li ġieli kien iqabbad lil martu tgħaraxlu saqajh. Jgħid li darba kien id-dar u kien hemm martu, C u ommha u talab lil C tgħaraxlu saqajh. Ma talabx lil martu għax kienet tgħidlu jmur jixxejjer – dan meta kien għadu kemm xehed li ġieli kien jgħid lil martu tagħmel hekk. Mistoqsi, jikkonferma li mhux dejjem kienu jkunu preżenti martu u omm C. Jirreferi għal meta kienu għand omm il-mara u hu daħal fil-kamra tas-sodda u kien jaqbad ktieb biex jaqra ftit "u kif jarawni dieħel fil-kamra tas-sodda kienu jiġu ħdejja." Jgħid li kienu jiġu "eżempju C u F". Jgħid li fl-episodju li semmiet omm il-mara, huwa ntefa jaqra l-istorja u dawn ġew ħdejh. Din kienet l-okkażjoni li tixhed dwaru I (omm mart l-appellant) li ma tgħidx li kien hemm F preżenti wkoll.

(xxvi) Mistoqsi kellux vaselina d-dar, l-appellant wieġeb fl-affermattiv u qal li kien jużaha għal kuxxtejh minħabba t-tixwit u ma' idejh. Qal li qatt ma uża l-vaselina quddiem C. Il-mistoqsija mela, hi, kif kienet taf li kellu l-vaselina?

(xxvii) In kontro-eżami, mistoqsi speċifikatament dwar id-diversi allegazzjonijiet li għamlet fuqu C, ċaħad kull allegazzjoni, inkluż li qallha kliem bħal "ngħallmek għall-futur". Hawn issir referenza għal paragrafu (xviii) u d-diskors li G xehdet li qal l-appellant.

(xxviii) Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix għal xi dikjarazzjonijiet li għamlet C waqt ix-xiehda tagħha. Ħin minnhom tgħid li l-appellant: "Fottieli unuri". F'mument ieħor, wara li l-Qorti talbitha tikkalma, qalet: "Rabja kbira għandi". Imbagħad kien hemm dak li jista' jissejjaħ *outburst*:

> "Pros: Trid tixrob ftit aktar ilma? Jew trid tissue? Meta qed tghidli dan hu Johnny Borg inti qed tgharfu hawnhekk?
> "Xhud: Ehe.
> "Pros: Tista' tindikah?
> "Xhud: Daka ara, kollu kemm hu. Ma nahmlux. Jasal zmien li uliedek jaghmlulek dak li ghamilt lili, trawma ghandi fuqi bhalissa jien. Imissek tisthi, dak biss nghidlek, imissek tisthi! Bla unur jien, bla unur, ma nifilhekx hawn. Zibel ghalija jaqq. Rabja kbira ghandi ghalih. Ghax ma kellux ghalfejn jaghmel hekk, ghandu mara pupa, jekk tohorgu hawn barra tarawha, pupa ghandu. Taghmel dawn l-affarijiet ta' l-hmieg! Ma nafx kif tqum filghodu u tghid lil martek inhobbok ta, ghax vera ma ghandekx wicc. Sorry ta. Ghax ghalija vera bniedem bla qalb. Ghax anka qabel per ezempju konna mmorru nieklu ghandhom jiena u kuginuwi F, per ezempju

nkunu dana nfqajna jew ma nkunux irridu dak l-ikel kien jghidilna jekk m'intix ser tiekol dak l-ikel ha ntemmahhulkom. X'jigifieri? Tfal ta' tnax-il sena qed issemmi ta jew ta' hdax-il sena, tkellimhom hekk inti? Ma tridx lil uliedek min ikellimhom hekk hux. Imwegga' hafna jiena. Dak li nixtieq nghidilha lil ziti jiena, li jiena li ghidt illum il-verita` qed nghid, ghax jien naf kemm qed inbati."

(xxix) Minn dan kollu huwa evidenti li s-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu ma jemmnux iċ-ċaħdiet ta' l-appellant u li l-verżjoni ta' C kienet veritjera u aktar verosimili. Għalhekk setgħu legalment u raġjonevolment jaslu għall-verdett kif ippronunzjat minnhom dwar il-Kapi kollha ta' l-Att ta' Akkuża.

**16.** Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet it-tieni aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**17.** Kwantu għall-piena, il-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[3].

**18.** Fir-rigward tal-piena nflitta fil-każ in eżami m'hemmx dubju li din hi fil-parametri tal-liġi u mhux fil-massimu tagħha. Hija piena li ġiet imposta mill-ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat il-verdett tal-ġurati, il-fedina penali ta' l-appellant u s-sottomissjonijiet dwar piena da parti tad-difiża u tal-prosekuzzjoni. Ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fil-fatt din il-Qorti ma ssibx li l-piena hija *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*. Konsegwentement ma tarax li huwa l-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-*quantum* tal-piena karċerarja.

**19.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata.

[3] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.